**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Citazzjoni Numru:- 353/2005 JVC**

**Mario Pace 491762 M**

**vs**

**Corinthia Palace Hotel Company Limited (C257) u Quality Project Management Limited (C26148)**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur Mario Pace, kif korretta b'ordni tal-Qorti, li premetta u talab kif isegwi:

'Peress illi l-attur u s-socjeta konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited kienu marbutin b'kuntratt ta' xoghol (locatio operis) datat is-7 ta' Jannar, 2001 (vide Dok. 'A');

Peress illi s-socjeta' konvenuta l-ohra, Quality Project Management Limited, kienet inkarigata mis-supervizjoni tax-xogholijiet li kellhom jitwettqu fuq il-progett tal-'Corinthia Tripoli Hotel ' (vide Dok. 'B');

Peress illi fid-9 ta' Settembru, 2001 l-attur kien involut f'incident serju fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu fil-Libja fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited;

Peress illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra dizabilita' permanenti estensiva u danni ingenti ammontanti ghal izjed minn sebghin elf lira Maltija (LM70,000) li ghalijom huwa qed jitlob rizarciment b'din il-kawza;

Peress illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba n-nuqqas da parti tas-socjetajiet konvenuti, huma jew minn minnhom, tal-obbligu kuntrattwali taghhom illi jipprovdu *'a safe system of work'* u minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra imputabbli lis-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom;

Peress illi minkejja assigurazzjonijiet ripetuti illi huwa sejjer jigi rizarcit ghad-danni minnu sofferti, tali rizarciment baqa' ma nghatax;

Peress illi minkejja illi l-attur interpella lis-socjetajiet konvenuti sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnu sofferti, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 20 t'April, 2004 (vide Dok. 'C' ), is-socjetajiet konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk is-socjetajiet konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti –

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident li sehh fid-9 ta' Settembtu, 2001 fi Tripoli, Libja waqt li l-attur kien qieghed jahdem fuq il-post tax-xoghol, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kollha sofferti mill-istess attur;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, okkorendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u

3. tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-attur dawk id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-20 t'April, 2004 kontra s-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom , minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni tal-attur Mario Pace .

1. Illi l-esponent kellu kuntratt ta' xoghol mas-socjeta' konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited bhala 'shutter worker'.

2. Illi s-socjeta' konvenuta l-ohra, Quality Project Management Limited, kienet inkarigata mis-supervizjoni tax-xogholijiet illi kellhom jitwettqu fuq il-progett Corinthia Tripoli Hotel.

3. Illi fid-9 ta' Settembru, 2001 l-esponent kien involut f'incident serju fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu fil-Libja fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta Corinthia Palace Hotel Company Limited.

4. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-esponent sofra dizabilita' permanenti u danni ingenti.

5. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba n-nuqqas da parti tas-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom, tal-obbligu kuntrattwali taghhom illi jipprovdu ' a safe system of work' u minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra imputabbli lis-socjetajiet konvenuti, huma jew min minnhom.

6. Illi minkejja assigurazzjonijiet ripetuti illi se jigi rizarcit ghad-danni minnu sofferti, tali rizarciment baqa' ma nghatax.

7. Illi minkejja illi l-esponent intepella lis-socjetajiet konvenuti sabiex, jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnu sofferi, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 20 t'April, 2004, is-socjetajiet konvenuti baqghu inadempjenti.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza. '

Rat in-nota ta' eccezzjoni tal-kumpanija Quality Project Management Limited li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici u dan bid-dekors tat-terminu tal-perijodu ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta

2. Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, li l-eccipjenti ma hijiex legittima kontradittrici tat-talbiet attrici stante li (a) ma kienitx fiz-zmien rilevanti marbuta mieghu b'kuntratt ta' impjieg u/jew (b) ma kellhiex ir-responsabbilta versu l-attur li tipprovdilu"a safe working environment";

3. Fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, li l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

4. Fir-raba' lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li l-eccipjenti ezercitat il-kura kollha minnha rikjesta;

5. Fil-hames lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, l-attur ma sofra ebda debilita permanenti kagun tal-incident u l- maggior parti tal-ilmenti reklamat ma kienux

ikkagunati fl-incident in kwistjoni, id-danni mitluba huma fi kwalsiasi kaz ezagerati.

6. Fis-sitt lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Dikjarazzjoni tal-fatti tal-kumpanija eccipjenti Quality Project Management Limited

1. Jiena awtorizzat nirraprezenta lill-kumpanija eccipjenti f'dawn il-proceduri u awtorizzat li nahlef din id-dikjarazzjoni ghan-nom tal-kumpanija eccipjenti.

2. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

3. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati;

4. Illi il-fatti kif dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati, billi assolutament ma huwiex minnu li l-eccipjent sofra debilita permanenti kagun tal-incident minnu reklamat;

5. Illi il-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati u filwaqt li tirriserva li tispjega il-posizzjoni taghha ulterjorment fi stadju aktar opportun tghid li l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur.

6. Illi l-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu attrici huma wkoll kontestati fost l-ohrajn ghaliex ma huwiex minnu li l-eccipjenti qatt taw l-assikurazzjonijiet premessi mill-attur.

7. Illi l-fatti kif dikjarati fis-seba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi huma nfondati fil-fatt u fid-drtitt;

8. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-attur.'

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici u dan bid-dekors tat-terminu tal-perijodu ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li l-eccipjenti ezercitat il-kura kollha minnha rikjesta;

3. Fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, li l-eccipjenti ezercitata il-kura kollha minnha rikjesta;

4. Fir-raba lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz l- attur ma sofra ebda debilita permanenti kagun tal-incident u l- maggior parti tal-ilmenti reklamat ma kienux ikkagunati fl-incident in kwistjoni; id-danni mitluba huma fi kwalsiasi kaz ezagerati.

5. Fil-hames lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li t-talbiet atgtrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Dikjarazzjoni tal-fatti tal-kumpanija eccipjenti Corinthia Palace Hotel Company Limited (C257)

1. Jiena awtorizzat nirraprezenta lill-kumpanija eccipjenti f'dawn il-proceduri u awtorizzat li nahlef din id-dikjarazzjoni ghan-nom tal-kumpannija eccipjenti.

2. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

3. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati;

4. Illi l-fatti kif dikjarati fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati, billi assolutament m huwiex minnu li l-eccipjent sofra debilita permanenti kagun tal-incident minnu reklamat;

5. Illi il-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati u filwaqt li tirriserva li tispjega il-posizzjoni taghha ulterjorment fi stadju aktar opportun tghid li l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

6. Illi l-fatti kif dikjarati fis-stii paragrafu attrici huma wkoll kontestati fost l-ohrajn ghaliex ma huwiex minnu li l-eccipjenti qatt taw l-assikurazzjonijiet premess mill-attur;

7. Illi l-fatti kif dikjarati fis-seba' paragrafu tad-dkijarazzjoni attrici huma kontestati billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-attur. '

Rat illi fil-verbal tal-assistent gudizzjaru datat 9 ta' Settembru, 2005 gie dikjarat li l-partijiet qablu li jitressqu l-provi dwar il-preskrizzjoni u li din tigi deciza l-ewwel.

Rat illi nhar it-13 ta' Gunju, 2013 inghata sentenza in parte dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni liema eccezzjoni giet michuda.

Rat illi fil-verbal tal-31 ta' Ottubru, 2013 ir-rikorrent gie ezonerat milli jipproduci lill-konsulent Mr. Carmel Sciberras sabiex jikkonferma d-dokumenti mahruga minnu.

Rat li fl-istess verbal fuq talba tar-rikorrent gie nominat Mr. Joe Borg bhala espert mediku ortopediku u Dr. Ethel Felice bhala espert psrikjatriku sabiex jezminaw lill-attur u sabiex jistabilixxu l-grad ta' disabbilta o meno allegatament sofferti minnu fl-incident mertu tal-kawza u jipprezentaw, jekk hu possibbli, rapport uniku u kongunt dwar is-sejbien u konkluzjonijiet taghhom a spejjez proviorjament tal-attur.

Rat illi finalment kienu l-esperti medici Etienne Muscat M.D. (relazzjoni a fol. 548) mill-lat psikjatriku u Mr. Joseph Borg (relazzjoni a fol. 55) mill-lat ortopediku li rrelataw.

Rat illi fil-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 3 ta' Dicembru, 2015 intalbu u gew periti perizjuri sabiex jirrelataw dwar ir-rikorrent u finalment gew nominati Mr. Massimo Abela, Mr. Ivan Esposito u Mr. Anthony Bernard.

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Ottubru, 2017 l-avukat tar-rikorrent talab li l-provi li tressqu fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jkunu jghoddu wkoll ghal-talbiet fil-mertu u rat li l-kontro-parti permezz ta' nota sussegwenti ma oggezzjatx.

Rat li fil-verbal tat-18 ta' Jannar, 2022 r-rikorrent iddikjara l-provi tieghu maghluqa.

Rat illi fil-verbal datat 21 ta' Gunju, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attur iffirma kuntratt ta' xoghol mas-socjeta` Corinthia Palace Hotel Company Limited fis-7 ta' Jannar 2001 fuq progett ta' kostruzzjoni il-Libja. Din is-socjeta` kellha bhala rapprezentant taghha fuq il-progett lis-socjeta`

konvenuta Quality Project Management Limited ai fini ta' supervizjoni w decizjoni, skont kif jirrizulta mill-kuntratt anness mac-citazzjoni. Fid-9 ta' Settembru 2001, l-attur, waqt li kien fuq il-lant tax-xoghol, waqa' it-tarag u korra u b'hekk intavola din il-kawza ghall-kumpens ta' danni konsistenti fi spejjez u trattament mediku u kumpens ghad-dizabbilta' permanenti li jghid li qed isofri kagun tal-incident.

Is-socjetajiet intimati apparti l-kwistjoni tal-preskrizzjoni li gia giet deciza permezz ta' sentenza preliminari fejn din giet michuda, eccepew fi kliem iehor li s-socjeta' Quality Project Management Limited mihiex il-legittimu kontradittur filwaqt li fil-mertu eccepew li huma provdew ambjent tax-xoghol sigur u li l-incident allura ma sehhx b'xi tort jew responsabilta' taghhom b'dana li t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront taghhom ghandhom jigu michuda. Jeccepixxu wkoll minghajr pregudizzju li fi kwalunkwe kaz id-danni pretizi huma esagerati u li l-kundizzjoni ta' sahha tar-rikorrent mihiex konsegwenza tal-incident de quo.

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-kopja tal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent datata is-7 ta' Jannar, 2001 a fol. 8 et seq tal-proess.

Rat l-ittra ufficcjali interpellatorja datata 20 ta' April, 2004 mibghuta mir-rikorrent lis-socjetajiet intimati a fol. 11 tal-process.

Rat **l-affidavit tal-attur Mario Pace a fol. 31 et seq** tal-process li jgib id-data tat-30 ta' Mejju 2005 fejn jghid li dak iz-zmien kellu 42 sena. Jghid li huwa kien tharreg fi Skola ta' Snajja u ghamel xoghol divers fil-bini. Kien jahdem ma' Polidano Brothers u konsegwentement ma Attard Brothers bl-iskop ikun li finalment jekk isibu li kien jaghmel xogholu sew imur jahdem il-Libja. Jixhed li ma' Attard Brothers huwa tharreg fuq ix-xoghol li

ghandu x'jaqsam mal-konkos, shuttering u scaffoldings. Konsegwentement iffirma kuntratt mas-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Limited fil-presenza ta' certu Dennis Baldacchino Personnel Manager ta' Attard Brothers fejn dan tal-ahhar kien assigurah li kull hin tieghu fuq l-ajruplan u fil-Libja huwa kien ser ikun assigurat. Dwar il-paga jixhed kif isegwi:

'Jiena kont bdejt b'paga ta' Lm230 fil-gimgha pero wara certi gimghat il-paga kienet ziedet skond il-ftehim ghal Lm250 fil-gimgha. Din bhala paga bazika minghajr 'over-time'. Ghalhekk il-gimgha tax-xoghol kienet ta' 84 siegha, apparti li kont naghmel bosta sieghat ta' 'over-time'. L-over-time' kont naghmlu ghax kienu jitolbuni u jiena kont naccetta li nahdem dawn is-sieghat zejda biex ikolli introjtu ahjar ghall-familja, pero qatt ma kont nitolbu jien. Kienu jitolbuni biex naghmel l-'over-time' u bosta drabi kont naccetta.'

Izid li l-hames gimghat xoghol li kien jaghmel fil-Libja kienu bix-xift, gimgha jahdmu bi nhar u gimgha jahdmu bil-lejl mill-5p.m. sal-5a.m. Il-grupp ta' haddiema tieghu kienu jirrispondu lill-Perit George Tonna u l-Manager Charles Tonna. Jiddeskrivi xoghlu kif isegwi:

'Ix-xoghol li kont naghmel kien jikkonsisti f'' xoghol ta' armar ta' shutters u scaffolding u x-xoghol kollu li ghandu x'jaqsam mal-ghoti tal-konkos. Kont narma t-turgien u narma wkoll is-soqfa li kienu jinhargu f' galleriji. Fil-fatt meta kien ikun hemm dax-xoghol tal-galleriji waqt ix-shift tieghi, il-foreman Noel Camilleri (maghruf bhala in-Nekus) kien iqabbad lili biex naghmel dax-xoghol.

Dan kien xoghol perikoluz hafna specjalment biex tarma l-iscaffolding ghax trid tarmah mill-art ghal gol-arja u cioe' il barra. Oed nezebixxi ritratt u nispjega illi jiena stess nidher f dan ir-ritratt liebes flokk roza u jeans. F'dan ir-ritratt jidher il-bazi tal-injam illi jiena kont narma biex isiru tissikkah bil-mazza. L-iscaffolding kien jintrema 'k barra u ghalhekk biex tarmah trid tixabbat sew 'il barra. Ghall-ewwel li bdejt nahdem fuq dan il-lant ma kellniex 'safety harness' u dawn kienu tawhomna biss ftit qabel l-incident illi kelli. Imbaghad meta tarma l-pastaz u cioe t-travu ta' quddiem li jintramaw is-seratizzi l-ohra fuqu tibda tarma s-seratizzi l-ohra fuqu traversalment u imbaghad kien jintrema l-plywood fuq kollox.
Imbaghad kien jintrama x-xoghol tal-hadid u fl-ahhar kien jinghata l-konkos. Jiena stess hafna drabi kont naghti l-konkos ghax fil-bicca l-kbira tal-kazi dan kien jinghata minn min kien jarma l-galleriji u s-soqfa.

Meta kont inkun qed nahdem fuq il-lant, jiena kont inkun ghal rasi u mhux mal-haddiema l-Maltin l-ohra hlief meta kont naghti l-konkos ghaliex f dawk l-okkazjonijiet konna nkunu tnejn. Mill-bqija biex jghinuni kien ikolli mieghi haddiema barranin li fil-maggor parti taghhom kienu Indjani u Pakistani u rgiel mill-Bangladesh.

Irrid nghid illi fil-maggoranza taghom dawn ma kinux haddiema tas-sengha u filwaqt li kont issib lil min irid jahdem kont issib ukoll min kien ifixkel lil haddiehor, ifixkel ix-xoghol u sahansitra jaghmel il-vendikazzjonijiet. Dawn kienu haddiema li kienu jithallsu madwar 200 dollaru fix-xahar u dan skond ma kien jghiduli huma. Fil-fatt meta kont inqabbadhom jaghmlu xi haga uhud minnhom kienu jwegbuni li jien kont nithallas iktar minnhom u li jekk irrid naghmel ix-xoghol jien.

Irrid nispjega wkoll illi kien ikun hemm diversi incidenti fuq il-post tax-xoghol, kemm waqt ix-'shift' ta' bi nhar u specjalment wagt ix-'shift' ta' bil-lejl. Bil-lejl konna nahdmu bid-dawl tas-'search lights' li kien ikun hemm fuq il-crane pero jien nghid illi dan ma kienx ikun dawl bizzejjed u dal-fattur kien ikompli jzid il-perikolu illi kien jezistu minnu nnifsu fuq xogholijiet bhal dawn. Nispjega illi x-xoghol tal-armar tal-galleriji anke waqt ix-'shift' ta' bil-lejl kien ikompli ghaddej.’

Dwar l-incident de quo jixhed kif isegwi:

‘Jiena kont qed nahdem waqt ix-shift ta' bil-lejl. L-incident kien sehh matul il-lejl ftit qabel is-sebh. Il-hin preciz ma niftakrux pero kienu qaluli illi kienu madwar l-erbgha (4) ta' filghodu. Jiena kont qed nahdem bejn l-ewwel u t-tieni sular u kont qieghed narma saqaf kbir. Kelli xi haddiema barranin mieghi u kien hemm ukoll il-foreman Joe Scerri vicin tieghi.

Nispjega illi peress illi kont qed nahdem fuq livell ta' bejn l-ewwel u t-tieni sular, il-'crane' ma jaghtikx u cioe' ma jnewwillekx affarijiet relattivament. Fil-fatt biex jaqdik irid ikun vojt u cioe bla xoghol ghax l-ewwel li jaqdi naturalment huma ‘l dawk li jkunu qeghdin jahdmu aktar fil-gholi. Ghalhekk l-affarijiet illi kelli bzonn, bhal mhuma seratizzi, riedu jingiebu bl-idejn.

Nispjega wkoll illi d-dawl li kien hemm kien baxx hafna peress illi kien search light fuq il-'crane' u l-'crane' kien imbieghed minn fejn kont qed nahdem jien. Ghalhekk id-dawl kien batut hafna.

Jiena kont qabbadt xi haddiema Pakistani biex igibuli seratizz mit-twal u cioe' ta' bejn 5 u 6 metri, ghalkemm ma niftakarx il-qies preciz. Kelli bzonnu ghas-saqaf li kont qed narma.

Sadanittant sakemm kont bghatthom igibuli das-seratizz jien kont bqajt ghadddej b'xi xoghol iehor u mbaghad madwar xi siegha wara kienu gabuli seratizz qasir u mhux tat-tul illi kelli bzonnu jien kif kont ghidtilhom.

Meta ghidtilhom li ma kienx tajjeb huma qaluli li ma setghux isibu serattizz itwal kif ridtu jien. Pero jiena kont naf li kien hemm serattizzi tad-daqs illi kelli bzonn ghax-xoghol u ergajt bghatthom u indikajtilhom fejn setghu isibu dan is-seratizz peress illi kont rajtu hemm xi ftit qabel.  Dan ghaliex meta kont inkun sejjer fuq il-lant kelli d-drawwa illi nosserva l-affarijiet biex jekk nigi bzonn xi haga minnhom kont inkun naf fejn ghandi nsib dak li kelli bzonn minghajr problemi.

Madwar kwarta jew nofs siegha wara li bghatthom kienu regghu gew u qaluli li ma kinux sabuh u jien urejthom minn fejn setghu jsibu dan serattizz bhal dak li kelli bzonn. Telqu u regghu gew lura u qaluli li ma kinux rawh u ghalhekk ma kellix triq ohra hlief li mmur ghalih jien biex ikun jista' jitkompla x-xoghol. Sadanittant kont qabbadthom jaghmlu xi xoghol hafif iehor fosthom li jigbru xi injam u affarijiet ohra li kien hemm on site.

Jiena mort fil-post fejn kont indikajt lill-haddiema Pakistani li kien hemm dawn is-serattizzi u fil-fatt mill-ewwel sibt wiehed tad-daqs li kelli bzonn. Fil-fatt dan kien serattizz ta' bejn hames jew sitt metri u jien erfajtu biex niehdu fejn kont qed narma s-saqaf.

Jiena u tiela t-tarag, x'hin kwazi wasalt fl-ahhar targa u kont se naqbad il-pjan tas-sular fejn kont qed nahdem, is-seratizz habat mal-hajt u tefaghni lura. Hekk kif is-seratizz habat mal-hajt, jiena tlift il-bilanc, saqajja l-leminija zelqet lura minn mat-targa u jien ippruvajt insib it-targa ta' tahtha pero ma rnexxilix minhabba l-impatt tad-daqqa tas-seratizz twil mal-hajt. Sadanittant l-gharqub ta′ saqajja x-xellugija wehel mat-tarag u x'hin waqajt saqajja nfethu hafna b'saqajja x-xellugija ma' targa u saqajja l-leminija diversi targiet lura. Saqajja nfethu tista tghid 180 degrees. Is-seratizz kien ibbilancjat minn nofsu fuq spallti l-leminija u x'hin waqajt is-seratizz baqa' fuq spallti u kien x'hin intmeddejt fug il-gemb tan-naha tal-lemin mal-waqgha illi s-seratizz waqa' minn fuq spallti. Dan kollu gara f temp ta' ftit sekondi.

Kif gara l-incident u saqajja nfethu berah kif spjegajt hassejt weghha kbira qisu habel ged jistira minn gol-iskutella ta′ rasi sal-qiegh ta saqajja tax-xellug. Hassejt ukoll ugiegh kbir go gembi, go dahri u go rkobbti tax-xellug illi faggghet. Hbatt ukoll ghonqi mal-waqgha. Kif wagajt tgergibt it-tarag u waqajt ghal fuq is-seratizz u lqattu bil-parti privata tieghi fejn hassejt ugiegh kbir.

Ippruvajt nitkaxkar mal-art pero l-ugiegh tant kien kbir illi ma stajtx
nissaportih u hassejtni qed nistordi u naqta' nifsi. Ghalhekk kelli nieqaf u mbaghad ergajt tkaxkart ghal xi ftit metri u ntlift minn sensija.

Kienu gew jaghtuni l-ajjut u imbaghad kienu haduni l-Isptar ta' Tripoli bl-ambulanza. X'hin wasalna l-isptar it-tabib wara hin twil li ghamilt gharwien fil-kuridur nistenna fuq stretcher qal li kellhom bzonn johduli X-Ray pero biex isir dan kellhom johduni fi sptar iehor peress illi ma kellhomx X-Ray machine. Sadanittant

hassejtni illi qed immut bl-ugiegh ubeda jaghtini hass hazin wiehed f wiehed.

Nispjega illi kelli nefha kbira f'gembi qisu 'bezzun' u nefha go rkobbti x-xellugija. Meta morna l-isptar l-iehor ghall-X-Ray regghu hallewni hin twil nistenna. Sadanittant kelli mieghi l-infermier tax-xoghol li kien barrani, jidhirli Filippin.

Fl-ahhar kienu ghamluli dan l-X-Ray u l-parti fejn kont mugugh kien qisu kollu dahna wahda. Illum naf illi dak kien b'rizultat ta' internal bleeding kif kienu qaluli xi tobba f'Malta. It-tabib li ra l-X-Ray hemmhekk qalli li ma kelli xejn gravi u rrakkomanda li naghmel erbat ijiem mistrieh u nkun nista' nirritorna lura ghax-xoghol. L-infermier ma kienx qabel mieghu u qalli li l-kosegwenzi li kelli kienu serji u li kien tal-parir li nirritorna lura Malta mill-iktar fis possibbli.

It-tabib li hadli l-X-Ray kien tani wkoll xi pilloli bhala 'pain killers' u mbaghad naf li wara li kont hadthom kont intlift minn sensija.

Li niftakar imbaghad kien li x'hin stenbaht sibt ruhi fil-kamra tieghi u cioe' fil-kamra fejn kont noqghod ma' haddiema Maltin ohra fi Tripoli.

Kont qed inqum u norqod u nghajjat bl-ugiegh u ghadni sal-lum minix kapaci norgod lejl shih.

Kien kellimni l-Perit George Tonna u qalli li xi dalwaqt kellu jitla' lura Malta grupp ta' haddiema u staqsieni jekk ridtx li ninzel maghhom u fil-fatt hekk kien sar. Meta wasalt l-Isptar San Luqa poggewni fuq stretcher u haduni d-Dipartiment tal-Emergenza fejn kien ezaminani tabib li qalli kont miftuq u haduli X-Ray ta

gembi. F'dak il-mument kien qalli li ma kellix ksur u ghalhekk kellhom jarawni wara.

Ma kinux zammewni l-Isptar u tawni appuntament ghall-gimgha wara biex jaghmluli operazzioni tal-ftuq.'

Izid li talab li jigi ezaminat minn professur tal-ortepedija habba l-ugieg f'dahru, ghonqu u saqajh izda kien hemm hafna nies jistennew. Irranga mal-kumpanija Corinthia Group sabiex l-operazzjoni tal-ftuq issir privatament u din saret mill-Professur Arthu Felice nhar il-15 ta' Settembru, 2001. Huwa qam mill-operazzjoni mugugh hafna tant li spicca bis-siggu tar-roti. Gie riferut ghal specjalista tal-otopedija Mr. Carmel Sciberras. Jghid li dan tal-ahhar kien sab li kellu diversi problemi fisici u beda wkoll jattendi l-fizjoterapija. Il-fizjoterapija izda ma tatx rizultat u gie riferut il-'pain clinic fejn tawh hafna medicina. Baqa jircievi l-paga ghal madwar sena u nofs. Izid:

'Kien cempilli anke s-Sur Dennis Baldacchino biex jistaqsini kif jien. F'Dicembru, 2001 kien cempilli s-Sur Baldacchino u qalli li xtaq jarani u jkellimni. Kien wassluni l-fabbrika ta' Attard Brothers f"Ta' Qali u hemmhekk iltqajt kemm mas-Sur Baldacchino u kif ukoll mac-Chairman is-Sur Michael Attard illi kif rani fl-istat illi kont kien
thassarni mhux ftit u qalli biex naghmel kull ma jkun hemm bzonn biex nerga' niehu sahhti u biex ma noqghodx inhabbel rasi ghall-ispejjez. Is-Sur Attard qalli biex inzomm l-ircevuti kollha tal-ispijez illi kont qed naghmel u biex nibqa' f'kuntatt ma' tal-Corinthia.'

Jghid li baqghu jikkuntattjawh u fit-2 ta' Settembru, 2002 kien kellem il-Stephen Bajada fl-ufficcju tal-Corinthia l-Furjana li kien

issuggerielu li jmur fisjoterapija privatament u jhallsu huma l-ispejjez u fil-fatt hekk sehh. Dam jattendi din il-fisjoterapija madwar sena. Sa mill-bidu wkoll kien jibghat ic-certifikati u l-ircevuti medici lil Stephen Bajada tal-Corinthia Group. Insista mal-'pain clinic' li jsir MRI minhabba l-ugiegh f'dahru u fl-ahhar dan sar u rrizulta li kellu l-problemi f'dahru. Jghid li Dr. Carmelo Abela M.D. kien qallu sabiex jieqaf mit-terapija ghaliex ma kien qed jaghmel l-ebda progress. Gie mibghut ghand certu Dr. Vandervalt specjalista tal-Ortopedija li wara li hadet ukoll X-Ray sabet li kellu bicca ghadma zghira miksura f'dahru u li ma setghetx toperah. It-tabib tieghu tah parir li jiehu opinjoni ohra u mar ghand Dr. Charles Swain izda rrifjuta ghaliex kien gia taht Dr. Felice. Jispjega li ghal kull appuntament li kien ikollu kienet tiehdu zitu Joyce Pace. Kien mar ukoll ghand Dr Joseph Debono MD li tah xi injezzjonijiet izda hass ugiegh kbir u hassu hazin u ghadu mugugh sal-lum.

Izid li f'Marzu 2004 huwa kellu appuntament l-isptar ma Dr. Jesmond Cassar M.D. izda l-file tieghu ma kienx instab u kien iffirma xi hadd Agius ghalih. Ftit jiem wara kien instab u mar ghall-appuntament. Fl-istess zmien gew prezentati l-ittri ufficcjali kontra l-kumpaniji konvenuti. Waqt id-diskussjonijiet Joe Fenech kien qallu li hu kellu problemi fisici qabel l-incident u qatt ma qalilhom. L-attur isostni li huwa qatt ma kien ta l-awtorizzazzjoni sabiex xi hadd jara l-file tieghu.

Izid li kien ghamel ukoll zewg operazzjonijiet apparti tal-ftuq, wahda fl-irkoppa tax-xellug minn Mr. Carmel Sciberras u ohra f' dahru minn Dr. Carmel Abela M.D. fejn ha xi raggi u injections.

Jghid illi fejn qabel kien ragel attiv fisikament u biezel mill-incident qed jghix hajja ta' eremita u bilfors irid jimxi bil-krozzi.

Ihoss l-ugiegh jieklu minn gewwa u d-dieta tieghu saret biss pirmli tant li m'ghadhomx jahdmu fuqu. Ma jistax igawdi t-tifel tieghu li fiz-zmien tal-affidavit kellu tnax-il sena u l-mara jkollha tghinu sabiex jinhasel. Spicca wkoll irrikorra ghall-kura psikjatrika ghand Dr. Anton Grech li tah il-pilloli ghad-dipressjoni. Huwa spicca jghix fuq il-beneficcji socjali u l-mara kellha tohrog taghmel xoghol parti-time. Lanqas fid-dar fejn qabel kien jaghmel xoghol ta' manutenzjoni hu issa ma jista' jaghmel xejn u jkollhom iqabbdu n-nies. Izid:

'Jiena rrid nghid illi qabel ma kelli dan l-incident kont ragel b'sahhti u attiv u ma kellix problemi fizici jew medici. Qabel ma kelli dan l-incident qatt ma kont ghamilt ebda operazzjonijiet hlief operazzioni wahda zghira ghall-habta tas-sena 1986. Dan kien intervent zghir li kien ghamlu Dr. Arthur Felice ghaliex haseb li kelli ftuq pero wara rrizulta illi effettivament ma kontx miftuq, u dan kif kien qalli Prof. Felice innifsu. Irrid nghid illi jiena qatt ma hassejt assolutament xejn wara dak l-intervent, kont fuq saqajja mill-ghada u qatt ma kien hemm ebda effetti fuq sahhti. Dejjem hdimt u hdimt xoghol manwali u xoghol iebes u qatt ma kelli ebda problemi qabel ma gara l-incident fi Tripoli.

Kemm domt nahdem il-Libja qatt ma hadt gurnata wahda sick-leave u mhux talli hekk talli kont naghmel diversi sighat ta' over-time.'

Izid li meta kienu ser jghaddu sentejn mill-incident huwa kien mar ikellem lil Stephen Bajada li assigurah li ma kien ser ikollu l-ebda problemi biex jithallas lanqas jekk jghaddu ghaxar snin u li jaghmel l-ispejjez li hemm bzonn biex ifieq. Kien baqa' kuntatt kontinwu ma' Stephen Bajada u baqa' dejjem jassigurah li ser jithallas u li ma kienx hemm bzonn li jqabbad avukat. F'Ottubru

2004 insista li jsir appuntament ma Joe Fenech u fil-fatt dan sehh fil-11 ta' Ottubru 2004 fejn kien hemm prezenti Joe Fenech u Stephen Bajada. Dawn qalulu li dak li kienet ser thallas l-'insurance' kienu ser ituh kollu lilu u Joe Fenech talbu jiprovdilu certifikat bil-persentagg ta' disabilita' u ftehemu li ser jaghmel hekk. Ikompli:

'Kont mort ghand Mr. Carmel Sciberras, ghand il-Profs. Arthur Felice u ghand il-psikjatra Dr. Anton Grech illi ghamluli certifikat kull wiehed u jiena bghatthom lis-Sur Stephen Bajada. Meta ircevihom kien cempilli s-Sur Bajada u qalli li kienu qed jipprovaw jilhqu ftehim ma' tal-insurance. Xi ftit taz-zmien wara kien cempilli s-Sur Joe Fenech fuq il-mobile tieghi u kien qalli li kienu lesti li jhallsu s-somma ta' Lm1,700. Kien qalli li kien jaqbilli naccetta din is-somma ghaliex dawk kienu zgur u b'hekk konna naghlqu l-kaz. Jiena ma tajtux risposta. Sadanittant kont ergajt cempilt lis-Sur Stephen Bajada illi qalli li kienu nehhewh minn fuq il-kaz u l-kaz ma kienx ghadu izjed f'idejh u kienu hadu fidejh is-Sur Joe Fenech.'

Rat id-dokumentazzjoni annessi mal-affidavit tal-attur MP 1 et seq a fol. 50 et seq tal-process, fosthom certifikati tal-edukazzjoni tieghu, FSS ta' Attard Bros., Ritratt tal-lant fejn sehh l-incident a fol. 53, dokumenti dwar overtime fol. 54 u 55 u dokument tal-ETC li jikkonferma li l-attur kien impjegat tas-socjeta' Corinthia Palace Hotel Co Ltd. a fol. 56. Rat ukoll il-kopja tal-karta tal-identita' tieghu a fol. 57 tal-process li tevidenzja li huwa twieled nhar is-7 ta' Awwissu, 1962. Rat l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg datata 3 ta' Marzu, 2003 a fol. 58 iffirmata minn Charles Tonna, project manager u d-dokument li jindika li l-attur huwa rikonoxxut bhala persuna b'disabilita a fol. 59. Rat l-ittra datata 25 ta' April, 2003 li

tikkonferma li bejn is-7 ta' Jannar, 2001 sal-31 ta' Dicembru, 2001 huwa rcieva paga ta' Lm12, 356.

Rat li r-rikorrent xehed in kontro-ezami a fol. 280 et seq tal-process principalment izda fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Jghid li t-terapija principalment kienet minhabba saqajh, dahru u ghonqu. Izid li qabel ma ghamel kull operazzjoni huwa dejjem cempel lil Stephen jew xi hadd mill-kumpanija u jtuh il-'go ahead'. Jghid li qatt ma ammettew xi tort ghall-incident fl-inkontri li kellhom mieghu. Jghid li dejjem assigurawh tal-ispejjez, qatt ma pretenda li wara sentejn kien ser ikun ghadu ghaddej bil-kura.

Rat **l-affidavit ta' Joyce Pace a fol. 45 et seq t**al-process li tghid li Mario jigi n-neputi taghha. Tixhed li Mario kien bniedem biezel hafna u kapaci hafna ghax-xoghol. Tikkonferma li minn meta gie lura Malta wara l-incident kienet tkun hi li twasslu l'hemm u l'hawn ghall-appuntamenti ghaliex kien baqa' mugugh. Kienet attendiet laqgha ma' Stephen Bajada fl-ufficcju tal-Corinthia fejn kien assigurah li ma kellux problema biex jithallas u sabiex jibqa jghaddilu l-ircevuti.

Rat ix-**xhieda ta' Jesmond Pace, hu l-attur a fol. 47 tal-process**. Jghid li qabel l-incident huh ma kellu l-ebda problemi fisici u kien bniedem kapaci ghax-xoghol u biezel. Jixhed li hu kien mar mieghu l-Isptar meta gie lura mill-Libja wara l-incident u li l-attur kien mugugh hafna. Izid:

'Jiena nghid illi l-incident kellu konsegwenzi kbar hafna fuq hija Mario ghaliex illum huwa kompletament dipendenti fuq haddiehor u mhu kapaci jaghmel xejn wahdu. Qabel, apparti x-xoghol tieghu, kien anke jaghmel ix-xoghol li kien ikun hemm bzonn fid-dar u anke xoghol fuq il-karozzi peress illi ghandu anke

s-sengha ta' mekkanik. Fil-fatt kien anke jsewwi l-karozza tieghi meta kien ikollha xi hsara u jaghtiha s-service.

Kull meta niltaqa' ma' hija huwa ghadu sal-lum dejjem jokrob bl-ugiegh u jinsab batut hafna kemm fizikament u jhossu qalbu maqtugha peress illi baqa' ma kienx hemm fejqan ghalih.'

Rat l-**affidavit ta' Joseph Scerri a fol. 48 tal-process** datat 31 ta' Mejju 2005 fejn dak in-nhar jixhed li ilu jaf lill-attur madwar tmien snin u jafu bhala bniedem biezel u kapaci ghax-xoghol u tas-sengha. Jghid li huwa jahdem bl-ambulanza u kien jghin l-attur billi jwasslu ghal xi appuntamenti. Jsostni li kien prezenti mal-attur fil-laqgha ma' certu Stephen Bajada fejn dan kien qallu biex ma jinkwieta xejn u sabiex izomm l-ircevuti kollha u l-ispejjez tiehu hsiebhom il-kumpanija. Kien ukoll iwasslu ghall-fisjoteraphija mhallsa mill-kumpanija gewwa l-Fortina Hotel tas-Sliema fejn kien irreferih l-istess Stephen Bajada. Kien ukoll prezenti fil-laqgha fejn Joe Fenech talbu jgiblu cerfitikat ta' persentagg ta' disbailita' u Fenech qal lill-attur li ma kienx hemm problemi biex jithallas u li kieku ma kienux ser jitolbuh ic-certifikat. Meta l-attur baqa' ma thallasx fetah il-kawza odjerna.

Rat il-kopja tac-**certifikat mediku ta' Mr. Arthur Felice** datat 24 ta' Novembru, 2004 a fol. 63 li jikkonkludi kif isegwi:

'It is impossible to scientifically ascribe a numerical value to such disability. This of course, refers only to his General Surgicial complaints.'

Rat ic-**certifikat psikjatriku ta' Dr. Anton Grech** datat 22 ta' Dicembru, 2004 li jikkonkludi li:

'Mr. Pace is suffering from Severe Depressive Disroder without Psychotic Symptoms . . . . The severitu of this depression makes it difficult for him to be gainfully occupied.'

Rat ic-certifikati medici regolari ta' Mr. C. J Sciberras a fol. 67 et seq tal-process li jevidenzjaw li l-attur ma kienx f'posizzjoni li jmur lura ghax-xoghol. Rat ukoll ir-rapport tieghu a fol.80 et seq tal-process datat 21 ta' Ottubru, 2004 fejn jasal ghal-konkluzjonijiet segwenti:

'1. Damage to his back - the fracture of the L4 vertebra would have been accompanied by damage to the paravertebral soft tissues. scarring which will cause pain and stiffness.

2. Damage to the soft tissues of his neck. This was not too severe and should get better with time.

3. Damage to this left knee - articular and meniscal cartilage damage and partial damage to the A.C.L. The diagnosis of CRPS is still valid at this stage and the prognosis for this has to be very guarded.

4. Depression from all the above which have also reduced his ability to earn a living.

DISABILITY: (without any Reference to the Hernia or Depression)
20% (twenty per cent).'

Rat ukoll id-dokumentazzjoni dwar il-fisjoterapija a fol. 88 et seq tal-process u dokkumentazzjoni ohra dwar il-'pain clinic'.

Rat id-dokumentazzjoni medika li ssegwi u rat ukoll l-ircevuti esebiti a fol. 95 et seq tal-process u rat ir-rendikont taghhom a fol. 121 sa 124 tal-process. Rat id-dokumentazzjoni dwar l-operazzjoni li saret fil-15 ta' Settembru, 2001 a fol. 126 et seq.

2018 ---- Pt still undergoing operations to recover from injuries. Other Knee operations carried out on both limbs.'

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Geraldin Ellul Bonici a fol. 717 et seq** tal-process datata 11 ta' Frar, 2020. Lil Mario Pace tafu bhala klijent taghha fis-servizz pubbliku. Tghid li kien gie riferut ghandha f'Lulju tas-sena 2014. Huwa gie riferut ghandha b'urgenza ghaliex kien qed ikollu hsibijiet ta' suwicidju.

Semghet u rat **ix-xhieda tal-Kirurgu Carmel Sciberras a fol. 730 et seq tal-process.** Jixhed li ilu jara lil Mario Pace madwar ghoxrin (20) sena. Jikkonferma r-rapport li kien ghamel lura fis-sena 2004. Izid li rah recentement u li l-bniedem huwa bniedem imkisser mentalment specjalment l-ugiegh qed ikissru sew. Jghid li ra r-rapport tal-psikjatra li jaqblu mieghu perfettament illi l-ugiegh jista' jkun li kkawzalu l-istat mentali tieghu ghaliex qabel ma wegga' r-rikorrent kien bniedem normali, stabbli, mentalment stabbli. Hu ra l-istorja tizviluppa u fis-sena 2004 seta jikkonstata x'ser jigri ghalhekk ta' disabilita' ta' 20%. Izid li jaf li tqabbdu esperti ohra fl-atti u li hu ma tantx qabel mal-konkluzjonijiet taghhom partikolarment tenut kont tal-istat mentali tar-rikorrent.

Rat l-**affidavit ta' Mario Attard** li jsostni li kien impjegat bhala Projects Director mas-socjeta' QPM Limited u li qabel kien jisimha

Quality Projects Management Limited. Kien ilu jahdem mal-grupp Corinthia mis-sena 1980. Jixhed li kien 'project coordinator' fuq il-lant in kwistjoni. Ma kienx ikun hemm biss ghaliex kien hemm ukoll progett ghaddej fl-Ungerija fl-istess hin. Ma jistax jghid li kien hemm meta sehh l-incident tar-rikorrent u lanqas kif sehh. Jixhed li fuq il-progett kien hemm madwar mija u erbghin (140) Maltin u qrib l-elf (1000) barrani u fosthom kien hemm ir-rikorrent. Kienu hadu hsieb li l-haddiema jigu provduti bl-ilbies protettivi kollha inkluz 'harnesses' ghal dawk li jahdmu fl-gholi u kienu jinsistu li dawn jintuzaw il-hin kollu. L-armar kien inxtara minn kumpanija Germaniza u kienet sistema kompluta li tipprotegi l-haddiem f'kaz li l-armar jew icedi jew b'xi mod jikkollassa ghaliex il-haddiema jkunu marbuta. Jaf li fuq il-post sehhu biss tlett incidenti bejn is-sena 1999 u s-sena 2003 inkluz dak tar-rikorrent. Fuq il-post kien hemm paramedici kwalifikati 24 siegha kuljum u kellhom ukoll ambulanza taghhom privata. Il-krejnijiet kienu jigu regolarment ittestjati. Id-dawl kien jigi provdut permezz ta' 'floodlight' ta' zewg tipi mwahhlin mal-krejns u kien hemm ukoll dwal mobbli fuq 'stands' li jingarru minn post ghall-iehor skont il-bzonn. Fuq gewwa kien hemm 'temporary lighting' sabiex ikun jista' jara fejn hu sejjer. Is-socjeta' Quality Projects Management hadet kull mizura ragjonevoli sabiex tizgura illi fuq il-post tal-progett kien hemm 'a safe and secure working environment'.

Rat li **Mario Attard xehed in kontro-ezami a fol. 876 et seq tal-process.** Mistoqsi kif kienu mdawwla t-turgien jghid li jiftakar li s-sit kien imdawwal bizzejjed li wiehed jista' jimxi minghajr ma jkollu incident. Jekk kien hemm ix-xoghol fix-xaft allura kien imdawwal jekk le kienu jghalquhom. Mistoqsi diversi drabi jekk it-tarag kienx ikun imdawwal b'bozza wahda biss jghid li jekk kienu jkunu qed jahdmu fih kien ikun hemm bizzejjed dawl. Jekk

il-haddiema qed jahdmu fih kienu jkunu l-haddiema stess li jiddeciedu kemm ghandhom bzonn dawl biex ikunu jistghu jahdmu. Jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemmhekk meta sehh l-incident. Mistoqsi kif sar l-affidavit jghid li mar ghandu l-Avukat u qad itih id-dettalji.

Rat l-**affidavit ta' Carmel Tonna a fo. 746 et seq tal-progett**. Jixhed li kien jahdem mas-socjeta' QPM Limited u kien beda jahdem mal-Corinthia Group or Companies fis-sena 1995. Fis-sena 2001 kien 'project manager' fil-Libja u kien involut mill-bidu sal-ahhar. Id-dmirijiet tieghu kienu l-amministrazzjoni tal-progett kollu kemm mil-lat amminsitrattiv kif ukoll il-kostruzzjoni. Il-kumpanija QPM Limited kienet ingaggata bhala il-'project manager' tas-sit. Il-kumpanija kienet impjegat numru ta' haddiema Maltin u xi 'supervisory staff' li fit-total kienu madwar 140 jew 150 ruh. Kien hemm ghadd ta' haddiem barranin impjegati bhala 'labourers'. Kien hemm ukoll numru ta' kumpaniji li kienu 'sub-contracted' ghal xoghlijiet partikolari. Ikompli:

'4. Bhala standards tal-health and safety fuq il-lant tax-xoghol ghandi nghid illi dawn kienu mill-aqwa illi stajna nimplementaw. Kien hemm l-ilbies protettiv, l-indafa, il-protezzjoni u lqugh, u dawl lejl u nhar. Kellna ukoll klinika medika mghammra bl-istaff u l-equipment kollu necessarju, u konna ukoll xtrajna ambulanza ghalina, armata b'kollox ghal li jista jinqala. In-nursing staff kien kwalifikatissimu, u dawn kellhom konoxxenza mal-isparijiet tal-madwar, u kienu licenzati sabiex jaccedu ghal dawn l-isptrijet minghajr problema f'kull hin tal-gurnata u l-lejl.

5. Kull impjegat kien jinghata it-taghmir u safety equipment u lbies illi jkollu bzonn ghax-xoghol tieghu. Kien hemm tabelli illi

juru illi hadd ma seta' jaccedi ghal post jew zona partikolari minghajr ma jkun liebes is-safety wear necessarju. Jiena personalment, kif ukoll l-istaff tieghi konna nduru l-post fejn kienu qed isiru x-xogholijiet u naccertaw illi kull haddiem ikun qed josserva dawn l-istandards illi semmejt. Kull min jinqabad jikser xi regola minn dawn kienu jigu iddixiplinati. Nghid illi kien hemm team ta' safety officers awtorizzati minni sabiex mill-ewwel jirrapportaw kull nuqqas illi jsibu lili, u tittiehed decizjoni minni ghal-sospenzjoni.

6. Kienu jsiru safety drills regolari mal-haddiema, u konna ngibu esperti biex jaghtu dawn id-drills lil fire staff.

7. Fuq kull sular nghid illi kien hemm ukoll taghmir tat-tifi tan-nar bic-cilindri jew bl-ilma, u kien hemm ukoll circuit breakers sabiex kull sular ikun maqtugh u protett ghalih.

8. Bhala dawl, nghid illi dan kien kollhu white light fuq gewwa, u mhux yellow light. B'dan nispjega illi fuq gewwa kienu jintuzaw tubi tan-neon, u mhux bozzoz. Il-bozoz kienu jintuzaw biss f'xi postijiet bhal shafts, u dana ghaliex jekk tubu jinkiser f' post ristrett, hemm izjed possibilita' ta' intossikazzjoni milli hemm b'bozza. Peress illi x-xoghol kien ikompli 24 siegha kuljum, nghid ukoll illi fuq barra kien hemm floodlights kbar illi kienu jilluminaw kull sezzjoni tal-kostruzzjoni u tas-site kollha. Dawn kollha kienu jigu ccekjati mill-maintenance team illi kienu jicekjawhom il-hin kollu. L-istaff kien mghammar bir-radios sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw ma' xulxin b' mod mill-izjed efficienti;

9. Jien niftakar specifikament lil Mario Pace kien impegat bhala shuttering carpenter fug dan il-progett. Jien niftakar illi kont gejt informat illi hu kien involut f'incident fug il-post tal-progett, fejn

kien wegga wara illi kien waqa. Jiena naf illi drill kien gie segwit u kien ittiehed l-isptar immedjatament mall sehh l-incident. Wara xi jumejn, niftakar illi kont awtorizzajt illi jintbaghat Malta ghal izjed kura. Din kienet procedura f'kaz ta kull incident u mhux kaz partikolari ta' Mario Pace.

10. Il-post fejn sehh l-incident kien fuq tarag bejn sular u iehor. Jien nispjega illi postijiet bhal turgien u kurituri kienu dejjem jinzammu nodfa u minghajr l-ebda obstruction li setghet tikkreja xi periklu. Il-post fejn sehh l-incident, kien mghammar bir-railings kollha necessarji. Il-post ma kellux xi nuqqas f'dak illi ghandu x'jaqsam ma' health and safety considerations, u Mario Pace jidher illi waqa' ghax skond hu, kien tilef il-bilanc wara illi dak illi kien qed igorr habat ma' xi hajt hu u tiela.'

Dwar l-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu ix-xhud in kontro-ezami kkonferma li huwa kellu zball fejn sostna li Mario Pace irritorna ghax-xoghol ghaliex ra li kien baqa' jithallas allura assuma li kien baqa jahdem. Dwar incidenti fuq il-lant jghid li kien hemm tnejn ta' min jiftakarhom fosthom dak tar-rikorrent il-bqija kienu incidenti minimi.

**Rat ukoll ix-xhieda in kontro-ezami ta' Carmel Tonna.** B'referenza ghall-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu jsostni li kellu zball u li Mario Pace qatt ma rritorna lura ghax-xoghol. Assuma hazin li la darba kien qed jithallas allura dahal lura fuq is-sit. Parti mill-izball huwa wkoll fejn jghid li Mario Pace kien jilmenta mill-ugiegh li darba qatt ma rritorna lura ghax-xoghol. Jixhed li mhux qed jikkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu fil-11 il-paragrafu l-bqija jikkonferma l-affidavit. Mistoqsi diversi drabi mill-Qorti allura x'dawl kien hemm fit-tarag finalment jghid li ma jistax jiftakar ezatt x'kien hemm pero kien imdawwal. Fix-

xafts jghid li zgur li kien hemm protezzjoni ghaliex kien hemm ir-'railings'. Jghid izda li fil-kaz tar-rikorrent ma jafx ezatt x'kien hemm dawl. Jixhed li ghalkemm kien hemm hafna nazzjonalitajiet ma kienx hemm problema biex jikkomunikaw ghaliex kienu jinsistu li jigi maghhom xi hadd li jista' jikkomunika mal-'management'. Il-komunikazzjoni kienet mat-tim 'leader' bl-Ingliz. Dwar kif kienu jikkomunikaw il-Maltin mal-barranin fosthom il-pakistani jghid:

'Kien hemm ftit li ma jafux jikkomunikaw pero' kull section, kellha foreman. Igifieri, hu setgha, nassumi kif kien jaghmel hadd iehor, meta jrid jghid xi haga lili, u jiena ma nifhmux, imur ghand il-foreman jghidlu lil dak biex jaghmel hekk.'

Skont hu r-rikorrent kien jikkomunika bl-Ingliz mal-Pakistani. Ma jafx izda jekk dawk li r-rikorrent bghat igibu s-serrattiz fehmuhx bl-Ingliz. Jghid li certifikati ta' 'health and safety' kellhom kienu jigu nies taghhom stess regolari ghaliex awtoritajiet Libjani ma kienx hemm. Mistoqsi jekk ic-cetifikati tal-'health and safety' kienux jigu ffaljati ma jistax jghid izid izda li meta kien jigri xi incident kellhom l-'on site nurses;, kellhom ambulanza u kien johduhom mill-ewwel l-isptar ta' Josie Muscat u lil min ikun jibghatuh Malta mal-ewwel titjira. Ma jafx min mar mar-rikorrent lejn l-isptar. Jaf li fuq is-sit dejjem kien ikun hemm ambulanza, xufier u nurse imhallsa mill-kumpanija. Izda hu ma kienx hemm meta sehh l-incident. Il-persuna ohra li kienet wegghet kien jisimha Mario Caruana u kien 'store-keeper'. Dan kien dahal lura ghax-xoghol ghalhekk fl-affidavit tieghu kien tfixkel il-kaz tal-attur mal-kaz ta' Mario Caruana.

Semghet u rat ix-**xhieda in kontro-ezami tar-rikorrent Mario Pace a fol. 753 et seq tal-process datata 23 ta' Novembru 2022**. Dwar

is-‘safety harness’ jghid li fil-kaz fejn wegga’ hu ma kellux bzonn jilbsu imma kellhom. Jghid li dawn inghataw ftit xhur wara li bdew jahdmu hemm u wara li kienu waqghu xeba’ nies. Izid li dak in-nhar kien qed jarma s-‘shuttering’ ta’ saqaf allura ma kellux bzonn juza ‘harness’. Jixhed li l-post ma setax ikun imdawwal bil-‘floodlights’ ghaliex dawn ikunu biss fuq il-krejns. Jghid illi gewwa kien ikun hemm bozza wahda li trid isservi ghas-sulari kollha mibnija. Izid li wara li l-haddiema barranin ma fehmuhx liema serratizz ried jista’ jkun li mar wahdu jgibu. Ma jiftakarx il-‘foreman’ Joe Scerri jekk kienx hdejh. Jemfasizza wkoll li l-affidavit ghamlu ghoxrin (20) sena ilu u issa ma jiftakarx. Mistoqsi jekk kinitx decizjoni tieghu wahdu li jgorr is-serratizz twil sitt metri wahdu jirrispondi li hu kien jiflah tlieta ohra mieghu dak iz-zmien. Jghid li dak iz-zmien il-post kien jafu sew u anki t-turgien. It-tarag fejn sehh l-incident kien jafu sew. Dwar il-post u l-incident jixhed:

‘It-tarag fejn, dan kien go shaft, shaftijiet tat-tarag normali kif ikunu ... Issa s-shaftijiet dawn kienu qisek tiela t-tarag tal-Qorti dak it-tul hekk. Daka mhux sular jinbnew bhal hawn Malta, jinbnew sular ta' tlett (3) metri. Hemmhekk kienu jibnu sulari ta' sitt (6) metri, seba' (7) metri hekk is-sulari hemm, tajjeb? Pero peress illi kien l-ewwel pjan, u mbaghad ikunu izghar. X'hin tiela t-tarag, dan kien wiesa tal-konkoss kien, ma kellux hadid, ma kienx hemm bzonn ... mela ghax jiena nitla fin-nofs meta titla b'serattiz, fin-nofs trid titla mhux fil-genb. X' hin dhalt fit-tieni kamra, kien ikun hemm id-dlam. Mela, jiena titla t-tarag, tidhol go kamra fid-dlam, u mbaghad tohrog ghall-lant tax-xoghol bid-dawl. Hemmhekk hemm mhux bhal hawn ta, . . . .
Mhux, fid-dlam ma stajtx nara. Il-bozza difficli biex, fejn inkunu qieghdin nahdmu, kien perikoluz, wahda minn dawn dawl ma jkunx hemm bizzejjed. Ahna biex nidhlu go l-lant tax-xoghol

irridu ngibu l-portable lamps maghna. Jekk ha nahdmu go din, rridu ngibu l-portable lamps ghax il-bqija kullimkien fid-dlam, jigifieri biex nahdmu ngibu erba' searchlights, nahdmu go din il-kamra, nnehhuhom, xhin nispiccaw, nehhuhom u mmorru go kamra ohra bis-searchlights. Ma jkunx hemm dawl; fid-dlam. Meta kienu l-kumpanija hadet decizjoni illi nahdmu bil-lejl, kienet tad-dahq. Noqghodu fil-containers bil-lejl, il-Hymac tahtna.'

Jinsisti li l-incident sehh minhabba li kien hemm id-dlam, mija fil-mija. Izid li kienu fl-ewwel sular allura s-serratizz ma setax jittella bil-krejn li kien ikun gholi xi ghoxrin sular. Ghalhekk kieku tellawh il-pakistani xorta bl-idejn kien ser jitla dan is-serratizz. Jghid izda li kellhom problema ghax tibghathom ghal xi haga u jorqdu. Kien jitla bl-idejn u jekk ikun persuna b'sahhtu jtellghu wahdu. Fl-istess tarag kien hemm nies ohra tilghin u nezlin f'sulari aktar fl-gholi. Ma jiftakarx izda nies tilghin u nezlin fil-hin tal-incident. Jaf li kienu marru hafna nies hdejh wara li wegga' ghaliex kien qed jghajjat izda ma jiftakarx min.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eccezzjoni legittimu kontradittur:**

Illi s-socjeta' konvenuta Quality Project Management Limited issostni li hi ma kinitx marbuta mal-attur b'kuntratt ta' impjieg w'ghalhekk ma kinitx obbligata tipprovdi 'a safe working environment' b'dana li allura ma tistax tigi meqjusa responsabbli. Dwar dan f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn inghad kif isegwi:

'Li bejn l-attur u s-socjeta` Corinthia Palace Hotel Company Limited tezisti relazzjoni guridika naxxenti minn kuntratt datat is-7 ta' Jannar 2001, u ghalhekk antecedenti ghall-incident. Ma hemmx dubbju ghaldaqstant li bejniethom hemm relazzjoni guridika kuntrattwali, intrinsikament naxxenti mill-kuntratt tal-impieg, illi tirrikjedi illi s-socjeta` konvenuta bhala min ihaddem tipprovdi a safe system of work u a safe place work ghall-impjegati taghha.

Tezisti wkoll relazzjoni guridika kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta` Quality Project Management Limited li hija is-sub-kuntrattur tal-Corinthia u in kwantu li kienet inkarigata mill-ewwel kumpanija, mis-supervizjoni tax-xoghlijiet li kellhom isiru fuq il-lant tax-xoghol. Jigi rilevat li l-Att Dwar is-Sahha u S-Sigurta' fuq il-Post tax-xoghol fid-definizzjoni ta min ihaddem tinkludi "kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi".'

Illi din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-Qorti precedenti li z-zewg kumpaniji kellhom relazzjoni diretta mar-rikorrent stante li wahda kienet timpjegah u l-ohra kienet responabbli mill-immaniggjar tas-sit fejn sehh l-incident ghalhekk tqis li t-tnejn huma legittimi kontraditturi fil-kaz odjern u ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet relatati.

**Responsabilta' tal-incident:**

Illi bejn il-partijiet ma hemmx kontestazzjoni li effettivament sehh l-incident. Il-kontestazzjoni hija dwar jekk l-incident sehhx tort tal-istess attur jew ta' nuqqasijiet da' parti tal-konvenuti jew almenu jekk l-attur ikkontribwixxiex ghall-istess.

Illi mill-provi l-Qorti rat illi għalkemm is-socjetajiet konvenuti jippruvaw jagħtu x'jifhem li fuq il-post tax-xogħol kien hemm sistema ta' saħħa u sigurta perfetta mill-fatti kif esposti jirrizulta lil din il-Qorti li kien hemm numru ta' nuqqasijiet li wasslu sabiex finalment seħħ l-incident in kwistjoni. Ibda biex jingħad li l-haddiema kienu qed jidħlu jaħdmu bil-lejl. Dan ifisser li l-post kellu jkun adgewatament imdawwal mhux biss fuq barra izda wkoll fuq gewwa partikolarment fejn kien hemm turgien. Mill-provi l-attur isostni li għal kull indana tarag kien ikun hemm bozza waħda biss. Ix-xhieda mressqa mill-intimati ma kienux jafu jirrispondu kemm kien hemm dawl fuq gewwa fl-indani tat-tarag tant li zammew lura milli jsostnu li kien hemm bozza f'kull sular kif prova jsostni l-Avukat tal-intimati. Ix-xhieda tal-intimati jsostnu wkoll li l-haddiema kellhom a disposizzjoni tagħhom dawl kemm iridu sabiex idawwlu l-post fejn qed jaħdmu. Din il-Qorti tifhem li l-haddiema jagħmlu d-dawl ezempju fil-kamra fejn kienu qed jaħdmu izda li joqogħdu jagħmlu bozza probabilment fuq 'stand' f'kull sular tarag sabiex jibdew jaħdmu tqis li dan kellu jigi provdut mill-intimati mhux isir mill-haddiema ta' kuljum. Il-Qorti għalhekk tqis li l-intimati naqsu fir-rigward tad-dawl fis-sens li ma provdewx dawl adegwat fl-indana tat-tarag minn fejn kien tiela l-attur filwaqt li kien l-obbligu tagħhom li jipprovdu dan. Dan in-nuqqas ikkontribwixxa għall-incident.

Illi rrizulta wkoll mill-provi li l-attur kellu miegħu zewg haddiema barranin li l-probabilta' kbira kienet li ma kienux jafu jikkomunikaw lanqas bl-Ingliz. Tant hu hekk li l-attur spjegalhom u bagħthom mill-anqas darbtejn sabiex isibu s-serratizz li kellu bzonn sabiex ikompli jaħdem u dawn da parti tagħhom irritornaw darbtejn mingħajru jgħidu li ma sabuhx. Evidentement ma kienux qed jifhmu l-istruzzjonijiet li kienu qed jingħataw bil-lingwa Ingliza mill-attur. Din il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni tal-attur li

kellu jitlaq kollox minn idejh u jinzel hu, meta suppost kellu l-lavranti sabiex jaghmlu dan u fil-fatt dan sab is-serratizz li kellu bzonn immedjatament li nizel. Jirrizulta nkontestat li x'hin l-attur kien tiela b'dan is-serratizz wahdu fit-tarag dan habatlu mal-hajt u waqqa' lill-attur lura. Din il-Qorti temmen illi kieku kien hemm aktar dawl fl-ambjent in kwistjoni u wkoll kieku l-attur ma ngabx f'sitwazzjoni ta' frustrazzjoni fejn spicca jaghmel ix-xoghol hu minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni, li l-incident in kwistjoni ma kienx isehh.

Illi s-socjetajiet intimati in oltre fl-atti jippruvaw jaghtu x'jifhem li mal-incident l-attur inghata ghajnuna immedjata ta' prima kwalita'. Nonostante dan fl-atti ftit li xejn tressqu provi dwar l-adekwatezza ta' din l-ghajnuna anki ghaliex is-socjetajiet in kwistjoni ftit li xejn zammew dokumentazzjoni dwar dak li sehh anzi l-Qorti, mill-provi fl-atti jew nuqqas taghhom f'dan ir-rigward, tqis li pjuttost li rrizultat certa fjakezza da parti tal-intimati fil-mod kif dawn l-incidenti kienu jigu trattati tant li sahansitra l-kumpanija f'Malta saret taf b'dan l-incident xahar wara li sehh u x-xhud Stephen Bajada li jixhed li kien il-persuna li jiehu hsieb dawn il-kazijiet f'Malta xehed sahansitra li huwa kellem lill-attur hdax-il xahar wara li sehh l-incident (fol. 137). In oltre dan l-istess xhud a fol. 183 tal-process esebixxa speci ta' rapport tal-incident fejn gie dikjarat illi 'site doctor did not show up' u li l-attur fuq is-sit gie mghejjun biss minn 'nurse'. Xhieda ohra tas-socjetajiet intimati pruvaw jaghtu stampa ferm aktar perfetta tas-sistema ta' kura li kien hemm fuq is-sit izda lkoll xehdu li dak in-nhar tal-incident ma kienux hemm jew li ma jiftakrux l-incident. In vista ta' dan din il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-versjoni tal-attur li dan verament ittiehed f'xi sptar izda nghata kura mhux dashekk adekwata u ttiehed lura

f'kamartu u thalla hemm ghal rihu sakemm ntbaghat lura f'Malta fejn finalment beda jigi kkurat.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li mhux minnu li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni izda r-responabbilta' tal-istess ghandha tigi attribwita' kompletament rizultat ta' nuqqasijiet da' parti tas-socjetajiet intimati li naqsu milli jipprovdu ambjent tax-xoghol sigur w'ghalhekk dawn ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minnu.

**Danni Sofferti:**

Illi qabel ma' din il-Qorti tkun tista' tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, kemm dawk *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, jehtieg li jigi kkunsidrat u deciz x'inhuma verament dawk id-danni li gew sofferti mill-attur inkluz il-persentagg ta' disabilita' permanenti, dan in vista li s-socjetajiet intimati jikkontestaw li l-attur sofra xi disabilita' permanenti konsegwenza tal-incident anzi jsostnu li dak li huwa jsoffri minnu huwa rizultat ta' eventi ohra f'hajtu li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-incident.

Illi l-Qorti rat mill-atti li l-attur isostni li konsegwenza tal-incident huwa soffra disabilitajiet permanenti rizultat ta' problemi fil-hernia, f'irkupptejh, f'ghonqu u f'dahru tant li llum il-gurnata mhux kontestat li l-attur jimxi b'zewg krozzi u anki jekk wiehed jarah kif din il-Qorti ratu diversi drabi fl-awla, jidher li huwa bniedem mugugh u fragli. L-espert ortopediku ex parte Mr. Carmel Sciberras fir-rapport tieghu jaghti disabilita' permanenti lir-rikorrent fl-ammont ta' 20%. Fix-xhieda tieghu jghid li konsegwenza tal-incident l-attur spicca bniedem imkisser

mentalment specjalment minhabba l-ugiegh li jhoss. Izid li hu ra wkoll ir-rapport tal-psikjatra nominat mill-Qorti u jaqbel mieghu illi qabel ma wegga', l-attur kien bniedem normali stabbli u mentalment stabbli.

Rat ir-rapport psikjatriku tal-espert Dr. Etienne Muscat kif gia relatat aktar il-fuq, fejn fil-qasir jispjega li l-attur, mill-incident il-quddiem tkisser mentalment tant li konsegwenza tal-fatt li huwa jemmen li m'ghadu kapaci ghal xejn, filwaqt li qabel l-incident huwa kien bniedem li xogholu u hajtu tiddependi fuq is-sahha fizika tieghu, l-attur spicca fi stat mentali fejn anki jekk mhux neccessarjament verament huwa fisikament imwegga' huwa tant jemmen li m'ghadux b'sahhtu li verament ihoss l-ugiegh li jsostni li jhoss u dan irrendih inkapaci li fisikament imur ghall-ahjar. Mentalment l-attur tant tkisser ukoll li hajtu baqghet sejra dejjem lura fejn spicca anki ssepara minn martu snin wara l-incident u wkoll gie indott jaghmel investiment qawwi ta' flus fejn spicca tilef kollox u dan minhabba l-istat mentali verament hazin tieghu mill-incident il-quddiem. Dr. Muscat fil-fatt jaghti rata ta' disabilita' permanenti relatata ghall-istat mentali fl-ammont ta' 20%. Din il-kundizzjoni tal-attur giet ukoll konfermata minn Geraldine Ellul Bonici a fol. 713 et seq li tqabbdet sabiex taghti sapport psikologiku lill-attur tul is-snin minhabba deprezzjoni severa li segwiet l-incident u li wasslitu anki sabiex jaghmel atti suwicidali.

Illi mill-lat fisiku, in gran parti ortopediku, l-ewwel espert nominat mill-Qorti Mr. Joseph Borg, b'kuntrast kbir mar-relazzjoni ta' Mr. Carmel Sciberras jaghti l-opinjoni li l-attur ghandu biss disabilita' permanenti ta' 3 % konsegwenza tal-incident in kwistjoni filwaqt li l-problemi l-ohra riportati mill-attur lilu, skont hu m'humiex relatati mal-incident.

Rat ukoll li mill-lat ortopediku gew nominati esperti medici addizzjonali cioe' Mr. Massimo Abela, Mr. Ivan Esposito u Mr. Anthony Bernard li wkoll fir-relazzjoni addizzjonali taghhom (li gia saret referenza ghaliha aktar il-fuq) jesprimu d-dubju taghhom dwar kemm verament jezistu f'gisem l-attur is-sintomi li huwa jsostni li jhoss u l-ugiegh li jhoss. Huma finalment jghaddu sabiex jiddikjaraw li l-attur ghandu fisabilita' fisika permanenti ta' 5 %.

Illi din il-Qorti ser taghzel li tistrieh fuq ir-rapport tal-esperti nominati minnha fil-kaz tal-ortopedija fuq ir-rapport tal-esperti perizjuri ghaliex temmen mill-provi fl-atti li l-kundizzjoni mentali u fizika tal-attur illum hija kollha rizultat u konsegwenza tal-incident in disamina. Minn dak in-nhar tal-incident l-attur verament beda jemmen li fisikament huwa ma ghadu kapaci ghal xejn u din ic-certezza f'mohhu wasslitu sabiex jibqa' jhoss ugiegh f'gismu tant li spicca f'sitwazzjoni fejn qatt ma seta' jirritorna lura ghax-xoghol u l-aspett privat ta' hajtu soffra wkoll rizultat ta' dan. Din il-Qorti temmen illi kieku ma sehhx l-incident in kwistjoni l-attur ma kienx jispicca fil-kundizzjoni fisika u mentali ta' deppressjoni severa li jinsab fiha llum anki ghaliex hajtu kienet tiddependi fuq is-sahha fizika tieghu. Dak kollu li sehh wara huwa kollu konsegwenzjali ghall-istess. Ghalhekk din il-Qorti ghal dak li huwa persentagg ta' disabilita' ser tapplika l-persentagg ta' 20 % ghal dik li hija disabilita' mentali u 5 % ghal dik li hija disabilita' fisika.

**Damnum Emergens:**

L-attur prezenta dokumentazzjoni flimkien man-nota tieghu datata 23 ta' Gunju, 2005 fis-somma ta' €3,480.27. Minn dan l-ammont il-konvenuti jikkontestaw biss l-ispejjez relatati mal-

operazzjoni tal-'hernia' mahruga mill-Profs Arthur Felice ghaliex isostnu li din mihiex direttament relatata mal-incident anzi jallegaw li l-kundizzjoni kienet tezisti qabel l-incident. Mill-provi medici fl-atti jirrizulta li qabel l-incident l-attur verament kien ser isirlu intervent dwar ftuq izda effettivament dan ma sarx ghaliex l-allegat ftuq ma rrizultax. Hernia effettiva irrizultat wara li sehh l-incident u in vista tad-dinamika tal-incident din il-Qorti ma tistax teskludi li din ma rrizultax konsegwenza tal-istess. Il-Qorti ghalhekk ser tikkunsidra wkoll dawn l-ispejjez bhala parti mid-*damnum emergens*. Jirrizulta ghalhekk li s-somma shiha ta' €3,480.27 hija kollha dovuta.

Il-Qorti rat ukoll l-ircevuti esebiti a fol. 627 et seq tal-process mill-attur. Fir-rigward tal-ircevuti mahruga minn Mr. Carmel Sciberras il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li dawn huma relatati ma' visti li saru konsegwenza tal-aspett fiziku rizultat mill-incident, ghalhekk il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom fis-somma ta' €360. Dwar il-flus imhallsa lill-espert mediku Dr. Etienne Muscat fis-somma ta' €240 dawn jirrizultaw li huma dovuti bhala parti mill-ispejjez tal-kawza ghalhekk f'dan l-istadju ser jithallew barra.

Illi in vista tas-suespost total ta' *Damnum Emergens* likwidat huwa fis-somma ta' tlett elef, tmin mija u erbghin Euro (€3,840).

**Lucrum Cessans**

Illi minn dak gia suespost din il-Qorti gia ddikjarat li hija ser tapplika l-persentaggi ta' disabilita' ta' 20% u 5 %. Kif sewwa ssottomettew il-konvenuti dawn ghandhom jigu applikati wara li jinhadem il-'weighted average' taghhom kif isegwi:

(20 x 20) 400 + (5 x 5) 25 = 425 diviza b'25 = 17%.

Dwar il-paga tal-attur jirrizulta li wkoll hemm kontestazzjoni dwarha fis-sens li l-attur isostni li mis-somma ta' Lm 230 fil-gimgha kif beda huwa kien konsegwentement tela' ghas-somma ta' Lm 250 kif isostni l-kuntratt ta' mpjieg tieghu. Il-konvenuti jsostnu li l-attur baqa' bil-paga ta' Lm 200 w'ghalhekk ghandha tapplika din il-paga ai fini ta' kalkolu ghalkemm jirrizulta li l-ammont ta' Lm 200 hija netta mit-taxxa u l-bolla li kienet tithallas ghall-attur. Il-Qorti tqis li la darba l-kuntratt ta' mpjieg tal-attur kien jipprovdi li huwa kellu jitla ghall-paga ta' Lm 250 fil-gimgha tul l-istess kuntratt filwaqt li ma tressqu l-ebda provi li hu ma kienx haddiem tajjeb f'xogholu allura huwa dan l-ammont li ghandu jittiehed ai fini ta' kalkolu u cioe l-ekwivalenti f'Euro ta' €582.34, liema somma ma tinkludix l-overtime li l-attur kien jahdem u li tilef konsegwenza tal-incident.

Ghal dak li huwa *multiplier* ghall-kaz odjern jirrizulta li dak in-nhar tal-incident l-attur kellu l-eta ta' 39 sena. Fic-cirkustanzi odjerni certament l-attur kellu prospettivi li jibqa jahdem sal-eta' ta' 65 b'differenza ta' 26 sena. Il-konvenuti jargumentaw li la darba x-xoghol tal-attur kien wiehed fisiku allura l-probabilita' kienet ser tkun li huwa ma jibqax jaghmel dak ix-xoghol sal-eta' tal-irtirar. *Dato ma non concesso* li l-argument tal-konvenuti jaghmel sens reali, dan ma kienx ifisser li l-attur ma kienx ikun kapaci jsib xoghol iehor anqas ta' strapazz. Ghalhekk il-Qorti tqis, tenut kont tac-'chances and changes of life' kif ukoll tal-fattur tal-*overtime* li mhux qed jigi kalkolat ghaliex impossibbli tikkalkulah, filwaqt li qed izomm f'mohha li l-attur baqa' jircievi l-paga ghal madwar sena u nofs, li allura jkun gust u reali li tapplika *multiplier* ta' 26 sabiex jinkorpora dan kollu.

Dwar ir-riduzzjoni tal-'lump sum' il-Qorti rat li l-kawza infethet mill-attur erba' snin wara l-incident u dan id-dewmien m'ghandhomx isofruh il-konvenuti. In oltre l-Qorti rat li kien minn naha tal-attur li l-provi tieghu damu snin twal sakemm inghalqu filwaqt li l-konvenuti ressqu l-provi taghhom fi zmien ferm qasir. Mhux biss izda kien hemm diversi tentattivi lejn l-ahhar tal-process sabiex l-attur jerga' jiftah l-istadju tal-provi tieghu liema tentattivi gew michuda minn din il-Qorti anki fl-interess tal-istess attur sabiex il-proceduri ma jitwalux ulterjorment. Il-Qorti tqis ghalhekk li jkun gust li jigi applikat tnaqqis ta' 16 % fil-kaz odjern.

Ghalhekk l-ammont finali likwidat huwa kif isegwi:

26 (multiplier) x €30,281.68 (salarju) x 17% (rata disabilita' permanenti) x 84% (tnaqqis lump sum) = €112,429.80.

Total ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* fis-somma ta' mija u sittax-il elf, mitejn u disa' u sittin Euro u tmenin centezmu (€116,269.80) liema somma hija dovuta solidalment bejn is-socjetajiet intimati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

(i) Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tas-socjetajiet konvenuti;

(ii) Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi s-socjetajiet intimati huma responsabbli ghall-incident li sehh fid-9 ta'

Settembru, 2001 fi Tripoli, Libja waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem fuq il-post tax-xogħol u għalhekk huma responsabbli wkoll għad-danni kollha sofferti mill-istess attur;

(iii) Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma ta' mija u tnax il-elf, erba' mija u disa' u għoxrin Euro u tmenin ċentezmu (€112,429.80) għal dak li huma danni *lucrum cessans* u fis-somma tlett elef, tmin mija u erbgħin Euro (€3,840) għal dak li huma danni *damnum emergens,* total ta' mija u sittax-il elf, mitejn u disa' u sittin Euro u tmenin ċentezmu (€116,269.80) liema somma hija dovuta solidalment bejn is-soċjetajiet intimati.

(iv) Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti solidalment sabiex iħallsu lill-attur id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 t'April, 2004 kontra s-soċjetajiet konvenuti u bl-imgħax skont il-liġi mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Mejju, 2024**